MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2007

Numru. 329/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARLO ELLUL**

**KONTRA**

**JOHN XUEREB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Xuereb ta’ 49 sena, bin Anthony u Rose nee’ Sant, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-6 ta’ Ottubru, 1958, residenti fil-fond Block B3, Flat 4, Qasam ta’ Penellu, Mellieha, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0651958M;

1. Akkuzat talli nhar is-26 ta’ Frar, 2007, ghall-habta tat-2.40pm, fi Triq Spinola, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna tas-Sinjura Mona Elettar, detentrici

tal-karta tal-identita' bin-numru 0039406L, u dan kif gie ccertifikat minn Dr Malcolm West MD (Med Reg No 5052), u dan bi ksur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta), b'sentenza li saret definittiva nhar it-8 ta' Marzu, 2005.

Wara li rat id-dokumeneti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 216, u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ssib lill-imsemmi imputat John Xuereb hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal twiddiba u canfira.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------